MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Numru 167/2002

Il-Pulizija
(Sp Helga Debono)
vs
Gaetano Camilleri, iben Ġuzeppi,
imwieled iż-Żurrieq fit-18 ta' april, 1955

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, f'novembru, 2000 u fix-xhur ta' wara b'diversi atti magħmula fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni
tal-liġi:
a. talli rrenda ruħu kompliċi fir-reat ta' falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil
fl-iskrittura jew fil-firem, billi ġiegħelt li jinħolqu pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi,

jew billi ġiegħelt lil min idaħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella illi ġiegħelt li jiżdiedu jew jinbidlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' irrendejt ruħek kompliċi fil-falsifikazzjoni ta' klawsoli, dikjarazzjonijiet u fatti f'eżami maħruġ mid-Dipartiment tal-Eżamijiet;

b. xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;

c. talli bħala mpjegat pubbliku u sabiex tikseb vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħruġ għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz, jew għamel xi tip ta' falsifikazzjoni oħra, jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' ottubru, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 42, 183, 184, 188, 189 u 190 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Inoltre, tirrakomanda li minħabba ċ-ċirkostanzi ta' dan
il-każ li Gaetano Camilleri ma jitlifx l-impieg tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------